**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Jannar 2013 — MyTravel vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-403/05 RENV)** [1]

***("Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Dokumenti li jikkonċernaw deċiżjoni ta' konċentrazzjoni annullata mill-Qorti Ġenerali — Rifjut li jingħata l-aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2013/C 71/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* MyTravel Group plc (Rochdale, Lancashire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment S. Cardell, B. Louveaux, P. Walter u P. Horan, solicitors, sussegwentement B. Louveaux, P. Walter u P. Horan, solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment C. O'Reilly u P. Costa de Oliveira, aġenti, sussegwentement P. Costa de Oliveira)

*Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment A. Falk, C. Meyer-Seitz, C. Stege u U. Persson, aġenti, sussegwentement A. Falk u U. Persson, aġenti); Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. H. Vang u V. Pasternak Jørgensen, aġenti); Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Wissels u J. Langer, aġenti); u r-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: M. Lumma u B. Klein, aġenti); Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues u A. Adam, aġenti); u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u S. Ossowski, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru [D(2005) 8461] u tat-12 ta' Ottubru 2005 [D(2005) 9763] li jiċħdu talba mressqa mir-rikorrenti sabiex tingħata aċċess għal ċerti dokumenti preparatorji tad-Deċiżjoni 2000/276/KE tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Settembru 1999, li tiddikkjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE (Każ IV/M.1524 — Airtours vs First Choice) (ĠU 2000, L 93, p. 1), kif ukoll għal dokumenti redatti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni wara l-annullament ta' din id-deċiżjoni permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni (T-342/99, Ġabra p. II-2585).

## Dispożittiv

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

(2) *MyTravel Group plc għandha tbati nofs l-ispejjeż tagħha fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati nofs l-ispejjeż tagħha fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn MyTravel Group plc fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV.*

(4) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju tal-Isvezja fil-Kawża C-506/08 P.*

(5) *Ir-Renju tal-Isvezja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu fil-Kawża T-403/05 RENV.*

(6) *Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom fil-Kawżi C-506/08 P u T-403/05 RENV.*

[1] ĠU C 10, 14.1.2006.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2013 — Divandari vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-497/10)** [1]

***("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Revoka tal-lista tal-persuni kkonċernati — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2013/C 71/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Ali Divandari (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: inizjalment S. Gadhia u S. Ashley, solicitors, D. Wyatt, QC, u R. Blakeley, barrister, sussegwentement R. Blakeley, S. Zaiwalla u F. Zaiwalla, solicitors, u M. Brindle, QC)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u A. Vitro, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u M. Konstantinidis, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/CFSP, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010, tas-26 ta' Lulju 2010, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 195, p. 25), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU L 281, p. 81), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU L 319, p. 71), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 319, p. 11), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

(2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Ali Divandari.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha..*

[1] ĠU C 328, 04.12.2010.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Jannar 2013 — Charron Inox u Almet vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-445/11 u T-88/12)** [1]

***("Rikors għal annullament — Rikors għad-danni — Dumping — Importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw miċ-Ċina — Dazju antidumping provviżorju — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Dazju antidumping definittiv — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt")***

(2013/C 71/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Charron Inox (Marseille, Franza); u Almet (Satolas-et-Bonce, Franza) (rappreżentant: P.-O. Koubi-Flotte, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u A. Polcyn, avukati) (Kawża T-88/12); u Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u S. Thomas, aġenti) (Kawża T-445/11)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u S. Thomas, aġenti) (Kawża T-88/12)

**Suġġett**

Fil-Kawża T-445/11, prinċipalment, talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2011, tas-27 ta' Ġunju 2011, li jimponi dazju provviżorju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 169, p. 1), kif ukoll, sussidjarjament, talba għad-danni sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba d-dħul fis-seħħ immedjat ta' dan ir-regolament u, fil-Kawża T-88/12, prinċipalment, talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1331/2011, tal-14 ta' Diċembru 2011, li jimponi dazju definittiv anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 336, p. 6), kif ukoll, sussidjarjament, talba għad-danni sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba l-ġbir definittiv tad-dazji antidumping provviżorji ordnat permezz ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

(1) *Il-Kawżi T-445/11 u T-88/12 huma magħquda għall-finijiet tad-digriet.*

(2) *L-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma fil-Kawżi T-445/11 u T-88/12 huma magħquda fil-mertu.*

(3) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-Kawża T-445/11.*

(4) *Ir-rikors fil-Kawża T-88/12 huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt.*

(5) *Charron Inox u Almet għandhom ibatu l-ispejjeż kollha fil-Kawża T-445/11.*

(6) *Charron Inox u Almet għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-88/12.*

(7) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-88/12.*

[1] ĠU C 290, 01.10.2011.